# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Numru 2**

**Avviz numru 863/97mm**

**Saviour Gauci**

**Vs**

**Martin Galea, Evelyn Grech, Michael Galea, Eugenia sive Jenny Mizzi, Carmen Cardona, Josephine Galea u Maria Dolores Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-28 ta' April, 1997, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lill-attur f'ammonti ndaqs bejnithom, is-somma komplessiva ta' erba' mija u zewg liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm402.32) rapprezentanti s-sehem taghhom ghall-appogg li huma pprattikaw mal-bini ta' l-attur u relatat

mal-bini li jinsab fuq il-plot bin-numru 65, ittra A, mill-art imsejjha “Tal-Bandlieri”, fi Triq il-Lampuki, San Pawl il-Bahar, liema proprjeta’ l-konvenuti bieghu lil George Baldacchino u Joseph Agius permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri, tat-8 ta’ Novembru, 1991, kollox kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha tal-prezentata ta’ l-Avviz u dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tas-16 ta’ Jannar, 1996, u dik ufficjali tal-5 ta’ Dicembru, 1996, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Preliminarjament, u minghajr pregudizzju, it-talba attrici hija perenta a tenur ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccepjenti et, ma humiex debituri tal-attur fl-ebda somma minnu pretiza;

3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-14 ta’ Mejju, 2002, fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari mqajjma mill-konvenuti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi b'din l-eccezzjoni l-konvenuti qeghdin iqajjmu ostaklu ghall-azzjoni attrici permezz ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili li jippreskrivi t-terminu ta' hames (5) snin ghall-azzjonijiet ta' kreditu illi jkunu gejjin minn operazzjonijiet kummercjali.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenuti huma l-eredi ta' missierhom Carmelo Galea illi kien bena garaxx u parti mill-ewwel sular.  Ix-xoghol ma tkompliex peress illi s-Sur Carmelo Galea miet.  L-eredi tieghu, il-konvenuti bieghu il-fond lil certa George Baldacchino kuntratt in atti Dr Tonio Spiteri tat-8 ta' Novembru, 1991.  S-Sur Baldacchino kompla x-xoghol sakemm tlesta kompletament fl-1992.

L-attur ippretenda l-appogg peress illi l-fond tieghu kien hemm minn qabel.  L-ewwel ma avvicina kien lis-Sur Baldacchino li dana hallas l-appogg ghall-ewwel sular.  L-attur imbaghad avvicina lill-konvenuti ghal sehemhom ta' l-appogg dwar il-garaxx, izda dawn mall-ewwel irrifjutaw illi jhallsu u issa qeghdin iqajjmu l-ostaklu ta' preskrizzjoni a bazi ta' l-Artikolu fuq imsemmi.

Ikkunsidrat:

Illi biex il-Qorti tikkonsidra dan it-terminu, trid bilfors tiehu in konsiderazzjoni z-zmien meta nbena il-garaxx, kif ukoll meta tlesta l-ewwel sular u il-mewt tas-sid, is-Sur Carmelo Galea.

Irrizulta mill-provi illi Carmelo Galea kien qabbad lil Perit Joseph Cuschieri.  Dana xehed diversi drabi quddiem din il-Qorti u a Fol 35 ammetta li Carmelo Galea kien klijent tieghu.  Kien ghamillu applikazzjoni fi Frar, 1984, u il-permess hareg fit-30 ta' Awissu, 1984.  Ghandu suspett pero', illi x-xoghol beda qabel peress illi kellu nota illi mar ikejjel xi xoghol fil-31 ta' Awissu, 1984.  Jaf li l-garaxx tlesta u issaqqaf u beda x-xoghol fuq l-ewwel sular.  Izda dana ma tkompliex peress illi Carmelo Galea lehaq miet.

Sussegwentement, is-sidien godda avvicinawh sabiex ikomplu bix-xoghol u il-bini tlesta kompletament fl-1992.  Ikkonferma illi qabel ma' miet Carmelo Galea, fuq l-ewwel sular lehqu telghu erba' (4) filati jew aktar.  Il-Perit ghandu nota wkoll illi l-klijent tieghu kien talbu l-prezzijiet minghand xi bennej fl-1986 biex jara kif kien ser ikompli x-xoghol fuq il-garaxx.  Din ix-xhieda hija korroborata mill-konvenuti fejn jghidu illi x-xoghol ma tlestiex u li l-garaxx kien lest xi hames (5) snin qabel ma' miet missierhom.

L-attur jirrikonoxxi illi l-garxx tlesta qabel.  Fil-fatt fix-xhieda tieghu a Fol 66 jghid illi huwa kkalkola li l-garaxx tlesta fl-1988 u ikkonferma wkoll fl-istess xhieda illi huwa qieghed jitlob il-hlas ta' l-appogg mal-garaxx, peress illi ghall-ewwel sular thallas minghand is-Sur Baldacchino.  Jghid pero', illi meta kien avvicina lill-konvenuti kien hemm minnhom illi kienu accettaw u irrikonoxxew illi kellhom ihallsu xi appogg.  Tant illi kienet saret laqgha ghand il-Perit Cuschieri fejn

kienu attendew xi rapprezentanti tal-konvenuti u hawnhekk dawn kienu accettaw li jhallsu basta jaraw il-kont.

Hadd mill-konvenuti li xehdu f'din il-kawza ma ammettew illi kienu lesti jirrikonoxxu xi hlas dovut lill-attur.  Xehed fuq din il-vigenda wkoll il-Perit Cuschieri, fejn a Fol 78 jghid illi jiftakar illi saret xi laqgha ghandu fejn kien hemm prezenti l-attur u xi hadd mill-konvenuti.  Qamet il-kwistjoni dwar ir-rata illi dehrlu illi kienet wahda ragonevoli pero' ma setax jghid jekk il-konvenuti kienux qablu ma dawn ir-rati jew inkella qablu li kien hemm xi ammont dovut lill-attur.

Ikkunsidrat:

Illi ghal dawk illi huma t-termini, ma hemmx dubbju illi l-garaxx tlesta fi zmien ferm qabel ma' ghalaq il-perijodu preskrittiv imsemmi mill-Artikolu  2156(f) tal-Kodici Civili.  L-istess attur jirrikonoxxi illi l-garaxx tlesta ghal habta ta' l-1988 u l-ewwel Ittra Ufficjali saret fil-5 ta' Dicembru, 1996.  Dana huwa oltre l-hames snin imsemmi fil-Ligi.  Dana huwa l-perijodu preskrittiv korrett illi ghandu jigi applikat f'kustjonijiet ta' appogg.

Kien hemm diversi sentenzi ricenti illi kollha affermaw il-principju illi d-dritt ta' appogg huwa preskrivibbli bit-trapass ta' hames (5) snin (Ara <u>Francis Sciberras vs Oliver Ruggier</u>, 29 ta' April, 1982, u  ukoll Qorti ta' l-Appell <u>Charles Micallef vs Paul Pisani</u> 7 ta' Ottubru, 1997).

L-attur ukoll donnu li qieghed jimplika illi kien hemm ir-rinunzja da parti tal-konvenuti meta waqt laqgha quddiem il-Perit Cuschieri dawn ta' l-ewwel kienu accettaw illi jhallsu l-ammont dovut lill-istess attur.

Apparti l-fatt illi l-konvenuti jichdu din l-asserzjoni l-Perit Cuschieri wkoll mhuwiex daqshekk car f'dak illi gara f'dik il-laqgha. Filwaqt illi jiftakar illi saret xi laqgha simili, pero' ma setax ikun kategoriku dwar ir-reazzjoni tal-konvenuti ghat-talba ta' l-attur.

Ghalhekk mhuwiex daqshekk car x'kienet din ir-reazzjoni tal-konvenuti u mehud in konsiderazzjoni c-cahda taghhom quddiem din il-Qorti, hu probabbli illi l-konvenuti anki quddiem il-Perit Cuschieri kienu nnegaw illi ghandhom ihallsu xi ammonti lill-attur.

Meta l-attur ipprezenta l-Ittra Ufficjali tieghu fil-5 ta' Dicembru, 1996, il-konvenuti kienu wkoll irrispondew b'Ittra Ufficjali ohra fejn innegaw illi kellhom jaghtu xi flus lill-attur. Ghalhekk ir-rinunzja f'dan il-kaz, mhijiex ippruvata b'mod cara u konkludenti.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza '<u>Carmelo Micallef vs Brigadier John Bell McCance</u>' (Vol XXXV, P. 1 p 101, "Ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni ghandha tigi ppruvata b'mod car u konkludenti; u ma tistax tigi ammessa meta hija bazata fuq atti u fatti illi ma humiex univoci u jistghu jaghtu lok ghall-interpretazzjonijiet diversi." (Ara wkoll '<u>Inginier Francesco M. Caruana vs Conti Francesco Sant Cassia</u> Vol XXX  P 1 p. 542).

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li l-attur ma lehaqx dak il-grad ta' prova rikjesta mill-Ligi sabiex juri illi l-konvenuti kienu rrinunzjaw ghal perijodu preskrittiv imsemmi minnhom fl-eccezzjonijiet taghhom. U din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta u tiddeciedi illi filwaqt illi tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, tichad it-talba ta' l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Anthony Zammit
Dep. Reg.